# il-Ħuttafa

Numru **168**

Jannar – Frar 2022



**Ilsien l-Għasfur**

60 BirdLife 1962 MALTA 2022

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf

Aron Tanti



Bufula ħamra (spectacled warbler) ttir minn fuq erika (Mediterranean heath)



# Hejj Ħuttaf...

mill-editur

Jekk għandkom għajnejn ta' seqer żgur indunajtu minn paġna 1 li **l-logo tal-BirdLife huwa tikka differenti** mis-soltu.

Hekk hu, tfaċċa **n-numru 60** ħdejn l-għasfur. X'taħsbu li jfisser?

Ovvja! Qed infakkru li **dis-sena BirdLife Malta għalqet 60 sena**.

Fil-**25 ta' Jannar 1962**, sebat iħbieb li jħobbu n-natura ltaqgħu f'dar f'Tas-Sliema.




Joe Sultana

Hemmhekk iddiskutew l-idea li jibdew għaqda ġdida: għaqda li tistudja l-għasafar, għaqda li xxerred it-tagħlim u r-rispett lejn l-għasafar. U għaqda li tiddefendi l-għasafar minn min jagħmlilhom il-ħsara.

Dawn l-ideat kollha għamlu sens, u l-ħbieb kollha għollew idhom u qalu "Let's do this!"

U b'hekk dakinhar twieldet is-**Soċjetà Ornitoloġika Maltija**, bl-Ingliż **Malta Ornithological Society**, jew **MOS** fil-qosor.

Ornitoloġija tfisser l-istudju tal-għasafar.

Bħala maskot għażlu l-**merill**, u għalhekk il-merill deher fil-logo tal-MOS.

MOS

Illum l-għaqda jisimha BirdLife Malta u mhux iktar MOS. Imma dawk l-ideat tal-bidu għadna naħdmu għalihom sal-lum.

U għalhekk aħna tant kburin li aħna membri ta' din l-għaqda għażiża.

VICTOR

**Victor Falzon** L-Editur

## In this issue...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'rajt fil-ġnien | 4 |
| Ilek ma tmur sal-Foresta? | 5 |
| Deep sea life | 6 |
| Black and White | 7 |
| Il-verdun | 8–9 |
| Flora moħbija | 10 |
| Colour that campion | 11 |
| Ġonna Dinja Waħda | 12 |
| Il-Mixja ta' Marzu | 13 |
| L-oħxon u l-irqiq | 13 |
| Habitats in Malta - Garrigue | 14 |
| Il-qattus | 15 |
| The plot of the phones | 16 |


## People who wrote

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, visits to nature reserves, boat trips and also do environmental work
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

It's even cheaper now!

## Get in touch


tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Frar 2022
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Victor Falzon

### Ilsien l-Għasfur

Red Campion *Silene colorata*

Pjanta komuni ħafna li tikber f'diversi ħabitati, anke mal-ġnub tat-toroq fil-kampanja. Tikber baxxa u folta u tagħmel ħafna fjuri, li jibdew jitfaċċaw f'Jannar u nibqgħu ngawduhom anke sa Mejju. **Qatt** taqtgħu fjuri mill-kampanja, imma f'paġna 11 hemm bukkett tistgħu tagħtuh il-kulur!

# Ħuta ġdida

Għax mhux Smiley?

Għax speċi aljeni ma tantx huma aħbar tajba għan-natura.

F'Ottubru li għadda waqt li l-ħabib tagħna Mark-Anthony Falzon kien *snorkelling* fir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay), ra erba' ħutiet żgħar li qatt ma kien ra bħalhom. Kienu ftit griżi b'tikek irqaq ma' ġisimhom u strixxi kannella u bojod ma' denbhom.

Peress li kellu l-kamera ħadilhom xi ritratti. Wara ftit riċerka u diskussjoni ma' xi esperti tal-ħut sab li dawn kienu **Por's goatfish** *Upeneus pori*. Speċi ġdida għal Malta!

Il-Por's goatfish (**trilja ta' denbha**) mhix ħuta tal-Mediterran imma tal-Baħar l-Aħmar u l-Oċean Indjan. Kif ġiet hawn?

Li ġara hu li ħafna snin ilu (fl-1869) fl-Eġittu fetħu il-Kanal ta' Suez biex minnu jgħaddu l-vapuri mill-Baħar l-Aħmar għall-Baħar Mediterran. Imma minbarra vapuri bdew jgħaddu wkoll speċi ta' annimali u pjanti, u dawn ftit ftit infirxu mal-Mediterran kollu. Waħda minnhom kienet din il-ħuta, li issa tfaċċat ukoll f'Malta.

Pjanti u annimali li jidħlu fil-Baħar Mediterran mill-Kanal ta' Suez ngħidulhom **speċi Lessepsjani**.


Trilja ta' denbha

Mark-Anthony Falzon

**L-istaġun tal-kaċċa bħalissa magħluq. Jekk tisimgħu jew taraw kaċċa fi Frar u f'Marzu tistgħu tirrappurtaw billi ċċemplu 119.**

# 13,007

Kif isir kull sena f'Jannar, il-BirdLife organizzat **roost count** taz-zakak abjad.

Fit-22 Jannar 2022 grupp sabiħ ta' voluntiera tal-BirdLife inġabru l-Belt biex jgħoddu z-zizka bojod li jidħlu jorqdu fis-siġar t'hemmhekk.

Binhar iz-zizka jinfirxu mal-kampanja jfittxu dud u insetti x'jieklu. Filgħaxija jinġabru flimkien fi gruppi biex jorqdu qalb il-weraq ta' siġar kbar.

Post fejn l-għasafar jinġabru biex jorqdu jgħidulu **roost**, u fil-Belt Valletta hemm l-ikbar *roost* taz-zakak abjad f'pajjiżna.

Dis-sena għoddejna b'kollox 13,007 zakak deħlin għall-irqad. Numru sabiħ ħafna.

Iz-zakak abjad (*white wagtail*) huwa għasfur tal-passa li jasal Malta fil-ħarifa. Ħafna minnhom jgħaddu x-xitwa magħna wkoll.


Grupp ta' zizka ftit qabel daħlu jorqdu fis-siġar

Aron Tanti

# Tnejn rari

Żewġ għasafar rari li ntlemħu dan l-aħħar f'pajjiżna kienu **gawwija tal-Ingilterra** u **bufula tax-xagħri**. It-tnejn dehru kmieni f'Jannar 2022, imma f'ambjenti differenti.


Gawwija tal-Ingilterra
Black-legged Kittiwake

Aron Tanti

Hemm iktar gawwi f'paġna 7.


Bufula tax-Xagħri
Dartford Warbler

Aron Tanti

# X'rajt fil-ġnien 5

**Desirée Falzon**
Detektiv

Fil-ġnien kelli erba' biċċiet qasab weqfin mal-ħajt. Darba waħda fir-rebbiegħa għaddejt minn ħdejn dal-qasbiet u ndunajt li waħda minnhom kellha t-toqba misduda b'qisu tajn ċar. Donnu xi ħadd kien għamlilha tapp!

Dak il-ħin ma tajtx wisq każ imma xi ġranet wara rajt li t-tikħila kellha toqba fiha. Mhux biss, imma qasba oħra issa kienet ukoll imkaħħla bit-tajn!

Issa iva, qabditni kurżità kbira biex nara min kien qed isodd u jiftaħ il-qasab! Żgur xogħol xi annimal dan.



**Il-*bug hotel* li għamilt apposta għaż-żunżan bennej. Il-vleġeġ juru toqob li ntużaw miż-żunżan bennej!**

Desirée Falzon

Għalhekk bdejt ngħaddi iktar ħin nissendika dik ir-rokna tal-ġnien forsi naqbad l-awtur ta' dil-biċċa xogħol. U fl-aħħar irnexxieli: kienet żunżana!



**Bejta mimlija bix-xgħat, ftit qabel tkaħħlet**

Desirée Falzon

Imma mhux żunżana komuni. Din kienet speċi minn dawk li ngħidulhom **żunżan bennej** (*mason wasp*). Dawn iż-żnażan ma jibnux xehda bħaż-żnażan komuni, imma jbidu fil-vojt ta' ġol-qasab u jagħlqu t-toqba bit-tajn. Imma qabel ma jagħlquha, il-bejta jimlewha... bix-xgħat!

Dan sirt nafu għax rajt iż-żunżana ġġorr dawn ix-xgħat u rajtha ddaħħalhom fil-bejta! Kull darba li ż-żunżana tbid bajda, iddaħħal gozz xgħat fil-'kamra' u tagħlaqha b'ħajt tat-tajn. Imbagħad terġa' tbid u terġa' tagħmel l-istess ħaġa – tibni kamra kamra sakemm ma jibqax spazju fil-qasba. Kultant tibni sitt jew seba' kmamar ħdejn xulxin! Fl-aħħar tkaħħal il-fetħa tal-qasba b'kisja tajn. It-tajn iġġibu minn xi mkien viċin fejn tkun sabet roqgħa tajn frisk.

Mhux ta' b'xejn ngħidulhom bennejja dawn iż-żnażan!

X'jiġri fil-bejta? Fil-qasba, kull bajda tfaqqas u joħroġ il-ferħ. Dan ikun dudu żgħir bajdani bla ġwienaħ u ma jixbah xejn lil ommu.

Id-dudu jibda jiekol ix-xgħat li tkun ħallietlu ommu. Meta jikber biżżejjed isir fosdqa (pupa) u jinbidel f'żunżana adulta bil-ġwienaħ. B'ħalqha ż-żunżana l-ġdida tgerrem toqba fit-tikħil li għamlet ommha u ttir 'il barra. Waww!

Tant ħadt gost li dawk l-erba' qasbiet kienu saru djar għall-annimali, li bnejtilhom *bug hotel* apposta. Qattajt ħafna biċċiet qasab u poġġejthom gozz ħdejn xulxin ħalli dawn il-bennejja żgħar ikollhom iktar fejn ibejtu.

U kif taraw mir-ritratt t'hawn fuq, qed jużawhom ta!

Oj, intom fejn mingħalikom sejrin? Dik mhux il-paġna tagħna.



Iż-**żunżan bennej** mhuwiex iż-**żunżan bagħal** (**hornet**). Il-hornet tkun iktar ħamra, ikollha wiċċha isfar u l-ġwienaħ ma jkollhomx it-truf suwed. Id-disinn isfar fuq żaqqha huwa wkoll differenti.



**Żunżana bennejja qed tirrombla ballun tajn**

Victor Falzon

L-isem xjentifiku taż-żunżan bennej huwa ***Rhynchium oculatum***

Dawn l-ismijiet ngħiduhomlkom halli tgħiduhom lill-kbar, biex jgħidu "Ħej, dawn esperti!"

# Ilek ma tmur… sa Foresta 2000?

Foresta 2000 nature reserve

Desirée Falzon

Foresta 2000 hija waħda mill-erba' riservi naturali li tieħu ħsiebhom il-BirdLife. Dan wieħed mill-ftit postijiet f'Malta fejn tara madwarek eluf ta' siġar. Foresta 2000 hija bosk żagħżugħ għax ħafna mis-siġar għadhom ta' età żgħira. Minbarra l-ambjent tal-bosk hemm ukoll ħabitati oħrajn bħal steppa u xagħri, u hemm diversi mogħdijiet li donnhom jgħidulek "Ejja passiġġata u piknik hawnhekk!" Foresta 2000 hija wkoll imħarsa bil-liġi, jiġifieri fiha ma tistax issir kaċċa.








Desirée Falzon

In-**narċis** jikber fl-isteppa u jiftaħ il-fjuri fix-xitwa.



Victor Falzon

Il-**farfett tal-bużbież** iżur ħafna fjuri biex jixrob in-nektar.



Aron Tanti

F'Foresta tgħix il-**ballottra** imma trid seba' għajnejn biex taraha għax imgerrxa ħafna.

**Foresta 2000 miftuħa s-sena kollha f'kull ħin. Dħul bla ħlas.**




## X'qed tistenna?!

# THE WONDERS **OF THE MALTESE DEEP SEA**

MALTA NATIONAL AQUARIUM

When you think about coral reefs, probably you imagine the beautiful coral reefs that live in tropical and warm areas. However, there are corals that inhabit the deep sea as well, below 200m deep with almost no sunlight - and they occur here in Malta too!

Malta hosts a wide variety of marine species, and when it comes to the deep sea, there is a lot of life that we are starting to know about as well! We can find over there animals like crabs, snails, worms, fish, sponges, corals and many more.



A deep sea Maltese reef: not your typical coral reef, but yet, still amazingly beautiful!





## HOW DO SCIENTISTS GO THAT DEEP?

One of the ways how scientists can research the deep sea is through ROVs: remotely-operated vehicles. They are basically giant machines that roam the ocean without anyone inside! Human beings control it from the surface, like a car with a remote control. Wouldn't that be fun to drive?

## BUT THESE BEAUTIFUL HABITATS ARE IN DANGER!

Deep sea reefs are threatened by fishing methods which can drag nets around the seafloor and destroy all the life living there. Even the fishing nets themselves are often thrown in the sea and sink to deeper areas, making many marine animals get stuck and even die!



Oh, wow! Look at this huge crab on the corals!

Look at all those animals that can be found in the Maltese deep-sea reefs!









## MALTA HAS THE DEEPEST KNOWN PRECIOUS DEEP SEA CORAL!

There is a type of coral that is very precious and pretty. It occurs in different depths, but recently a new depth record of where this coral lives has been recorded, and it was here in Malta! Usually occurring at around 15-300m deep, in Malta scientists found this coral at an amazing 1016m!



WWW.AQUARIUM.COM.MT

PHOTO CREDITS: ROV - FREE COPYRIGHT PHOTO.
OTHER PHOTOS: OCEANA © LIFE BAĦAR FOR N2K.







# Black and White




Il-gawwi ma tantx għandhom kuluri. Kif taraw mir-ritratti, rixhom tista' tgħid iswed, griż u abjad biss. Imma dan ma jnaqqsilhom xejn mill-ġmiel u l-faxxinu. Anzi, minħabba li tant jixxiebhu, fihom sfida biex tagħrafhom minn xulxin. Imma bi ftit paċenzja u b'għajnejn ta' seqer nibdew nitgħallmu d-differenzi. F'Malta dehru 13-il speċi ta' gawwi. Dawn sebgħa minnhom.




Ritratti ta' Aron Tanti










Ir-ritratt juru gawwi adulti, il-frieħ ikollhom ħafna rix kannella.

# Verdun

European Greenfinch *Chloris chloris*



Ritratt ta' **Aron Tanti** meħud fir-riserva naturali tal-Għadira.
Iċ-ċurkett fuq sieq l-għasfur juri li dal-verdun ġie rringjat minn bird ringers bħala parti minn studju.


BirdLife
MALTA

# FloRa MoĦbija

## Aqta' l-ismijiet ta' flora Maltija billi tara l-istampi x'qegħdin juru



BU

+



SIEQ

B U S IE Q

Aaron Tanti



Busieq

Desiree Falzon



Widnet il-Baħar

_ _ _ _ i l- _ _ _ _ _



Victor Falzon



Papoċċa Bajda

Alice Sicoli



Toppu tar-Reġina

_ _ _ _ _ _ i l- _ _ _ _ _





_ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _

Victor Falzon



Denb il-Fenek

_ _ _ _ _ T A R- _ _ _ _ _ _



Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

# Colour that Campion!

Victor Falzon






Fill the circles with the names of the small wildlife pictures you find on the different pages of the magazine. The letters in the yellow circles will give the name of a beautiful flower.




Send us your wildlife photos!




**Frog and Dragonfly**
Photo by Francesco Catania (8)

## ays! Club Days! Fun Days! Club D



We at Klabb Ħuttaf are all the time organising fun days with exciting activities and adventures for you and your family. So always check out our website

**www.birdlifemalta.org/events**

for news about our next awesome activity



# ĠONNA DINJA WAĦDA

Ġnien Dinja Waħda huwa ġnien speċjali maħsub biex jiġbed in-natura lejh. Il-BirdLife ilha ħafna snin tgħin skejjel biex joħolqu dawn il-ġonna, fejn in-natura tinfirex u l-istudenti jgawdu u jitgħallmu. Nittawlu lejn uħud minnhom...


Bufula Sewda

Victor Falzon

**Post:** Blata l-Bajda Skola Medja (Kulleġġ San Ġorġ Preca)

**L-isem tal-ġnien:** Ġnien il-Qari

**Area tal-ġnien:** 200m²



L-iskola tal-Blata l-Bajda hija l-unika skola li għandha **żewġ** ġonna Dinja Waħda!

L-ewwel wieħed konna rajnieh f'*Il-Ħuttafa* 162.


Victor Falzon

Illum...

Fi Ġnien il-Qari l-istudenti jistgħu joqogħdu bilqiegħda jaqraw waqt li mdawrin bin-natura, flok bil-ħitan tal-klassi.


Fejġel

Desirée Falzon


...u kif kien qabel!

Victor Falzon

Qabel ma nbidel fi ġnien, kien hemm gaġġa kbira msadda, ċnut u art vojta u mballta.


Studenti tal-Year 7 għenu fit-tfassil tal-pjan tal-ġnien...


...fil-*landscaping* bil-ħamrija...


... u fit-taħwil tal-pjanti.


It-tempju tal-qari jibda jimtela bin-natura... u bl-istudenti!




Victor Falzon

1 id-daħla
2 is-serra
3 siġar u arbuxxelli
4 il-mogħdija
5 it-tempju tal-qari
6 ħeġġ mad-dawra


Xaħmet l-Art



# il-Mixja ta' Marzu

Kull sena l-BirdLife norganizzaw mixja speċjali. Dis-sena se mmorru fl-inħawi tal-Buskett u tal-Girgenti, post mill-isbaħ f'pajjiżna. Dil-mixja hija speċjali għax dawk li jattendu (jekk iridu) jiġbru xi flus minn ħbieb u qraba li jisponsorjawhom. Il-flus li niġbru mbagħad nonfquhom fi proġett li jgħin lin-natura. Dis-sena l-flus biħsiebna nużawhom biex inkabbru l-ħabitat fejn tbejjet il-monakella fir-riserva naturali tal-Għadira.

Data
**Il-Ħadd 27 Marzu 2022**

Iktar dettalji fuq il-karta li ġietek mal-magażin.



Victor Falzon
Aron Tanti




# L-Oħxon u l-Irqiq...

Żewġ pitirrossi. Wieħed smin, l-ieħor magħlub. Tgħid għaliex daqshekk differenti minn xulxin?

Forsi tax-xellug sab ħafna ħniex x'jiekol? Forsi mar fi ġnien fejn sab *bird table* stokkjata sew? U tgħid l-ieħor miskin ma sabx ikel u baqa' fjakk?

Xejn minn dan! Taħt dak il-kowt tar-rix dawn iż-żewġ pitirrossi aktarx li huma ndaqs. Mela għaliex wieħed oħxon u l-ieħor irqiq? Dak għaliex fix-xitwa meta jkun il-bard ħafna għasafar ifelflu u jonfħu rixhom u jidhru ħoxnin. Bis-sħana ta' ġisimhom dak ir-rix isiru qisu kutra ħoxna u sħuna. U b'hekk iħossu inqas bard.

Mela aktarx li meta l-pitirross tax-xellug ħadulu r-ritratt kienet ġurnata kiesħa.

Mike Downham



Aron Tanti

# Garrigue

Garrigue habitats are characterised by limestone rocky ground with a rugged surface known as **karst**. This surface is rugged as it is heavily exposed to the brute force of the elements.

These habitats look desolate and are most often referred to as wastelands, however in actual fact they are likely the most **species-diverse habitats** in the Maltese Islands. They are of great importance not only to biodiversity, but also to ecosystem services.

Within garrigues one typically finds low-lying aromatic and spiny woody shrubs, such as thyme, that are resistant to drought and exposure. Locally, **thyme** is most frequent garrigue species, and is an important food source for many species, including the **Maltese honey bee.**

In addition to the above, numerous endemic, threatened, rare and protected species thrive in garrigue habitats, such as the Maltese spider and Maltese pyramidal orchids, the Sicilian squill, and two endemic door-snail species.

These shrub communities are sometimes referred to as high garrigues since they usually include shrubs that exceed 0.5m, growing up to 2m in height. Some garrigue types are very rare, such as those based on species of sage and rockroses, and rosemary.










The Majjistral Nature and History Park

ERA
Environment & Resources Authority

## Habitats in Malta







# il-Qattus

- Dal-qattus ma jagħmilx *mjaww!* Dal-qattus huwa serp u l-isem xjentifiku tiegħu huwa *Telescopus fallax*.
- Jismu qattus għax għajnejh kbar u għandhom il-ħabba dejqa u wieqfa bħal tal-qtates. Bl-Ingliż ukoll jismu *cat snake*.
- Il-qattus huwa wieħed mill-erba' speċi ta' sriep li nsibu Malta.
- Dan is-serp aktarx li mhux [1]indiġenu għal Malta, imma ddaħħal mill-bniedem żmien ilu.
- Il-qattus ma jidhirx li hu komuni ħafna, għalkemm instab f'diversi nħawi ta' Malta.
- F'pajjiżna l-qattus jinsab f'Malta biss. F'Għawdex u fuq Kemmuna ma jinstabx.
- Il-qattus huwa griż bi dbabar kannella matul ġismu kollu.
- Jista' jikber sa metru imma spiss ikun ħafna iżgħar. Jibqa' wkoll irqiq.
- Bħal sriep oħrajn, il-qattus huwa predatur. Jaqbad annimali żgħar bħal wiżgħat, gremxul, xaħmet l-art u anke kamaleonti. Jitgerbeb magħhom sa ma jaqtgħu nifishom.
- Il-qattus jikkaċċja l-iktar filgħaxija u billejl, u jorqod binhar. Għalkemm bla saqajn, kapaċi jitla' mas-siġar ifittex il-priża!
- Il-qattus għandu tikka velenu fuq snienu ta' wara. Dan il-velenu huwa fjakk ħafna u mhux ta' periklu għalina l-bnedmin.
- Il-qattus jgħix f'diversi ħabitati, inkluż xagħri, steppa, xtut, [2]ġmiem u msaġar. Iħobb ukoll il-ħitan tas-sejjieħ, għax fihom isib ħafna fejn jistaħba.
- Bħal ħafna sriep, il-qattus ibid il-bajd. Il-mara tbid sa disa' bajdiet fis-sajf, u l-frieħ ifaqqsu wara ftit ġimgħat.
- Bħar-rettili kollha ta' Malta, il-qattus huwa mħares bil-liġi.

---

[1]**indiġenu.** Speċi li minn dejjem kienet tgħix f'dak il-post
[2]**ġmiem.** Ħabitat b'ħafna arbuxxelli, ngħidulu wkoll makkja (bl-Ingliż *maquis*)



ECOHIVE MISSIONS
THE PLOT OF THE PHONES
WRITTEN BY ELENA
AFTER A HARD DAY WORKING AT ECOHIVE, EVERYBODY EARNED A WELL-DESERVED BREAK...
AHH, LET'S SEE WHAT'S HAPPENING ONLINE...
CAN YOU IMAGINE LIFE WITHOUT MOBILES... HAHAHA!
HEHEHE...
AHA! A NEW MODEL IS OUT! I'VE GOT AN IDEA TO CREATE SOME TRASH... EHM... HYPE!
THE NEW UR-PHONE 17
IS OUT NOW!
Don't be a loser!
Toss your old ur-phone in the black bag
or out in the street and
get your new phone today!
publish ad now
A SHORT ADVERT WILL DO THE TRICK!
TAP TAP...
CLICK!
...EVERYBODY BUT ONE FAMILIAR FACE.
DING! DING! DING!
RING!
PLONK!
BEEP! BEEP!
DING!
DING!
RING! RING! RING!
BEEP!
BEEP!
BEEP!
BEEP!
ECOHIVE
BRAND NEW UR-PHONE IS HERE! I'LL BE THE FIRST ONE TO GET IT!
I'M ORDERING MINE RIGHT NOW!
YEAH, ME TOO! GET THE BLACK BAG SO WE CAN THROW OUR OLD ONES AWAY!
GUYS... WHAT'S WRONG WITH YOUR PHONES? AND DON'T YOU THINK IT'S WRONG TO THROW THEM AWAY IN THE BLACK BAG?
THE ADVERT LOOKS A BIT SUSPICIOUS...
YES! AND THERE ARE WAYS TO DISPOSE OF ELECTRONICS WITHOUT HARMING THE ENVIRONMENT... THE BLACK BAG IS DEFINITELY NOT IT
DON'T WORRY, I HAVE AN IDEA! AGENT WOOFER? CAN YOU TRACE THE SOURCE OF THESE FAKE ADS?
I TRACED THE LOCATION AND PASSED THE COORDINATES TO GENERAL BUZZ!
DIGITAL SPECIALIST WOOFER
A FEW MOMENTS LATER...
WHAT A NASTY, DARK HIDEOUT! DID YOU FIND OUT WHO WAS BEHIND ALL THIS TRICKERY?
THE GARBAGE MONSTER... WHO ELSE? AND THAT DUMMY LEFT HIS LAPTOP BEHIND!
LOGIN
BUT WHAT WILL WE DO WITH THE PHONES THAT GOT THROWN OUT ALREADY?
THE FAKE AD WAS REMOVED! UR-PHONE COMPANY IS TRACKING THE OWNERS AND WILL RETURN THEIR PHONES FOR FREE!
WE CAN HELP THE ENVIRONMENT BY NOT MINDLESSLY RUSHING INTO BUYING THE NEXT NEW THING!
AND IF YOU WANT TO THROW AWAY OLD ELECTRONICS AND APPLIANCES, DO SO RESPONSIBLY!
USEFUL TIPS: WHEN BUYING NEW EQUIPMENT, YOU CAN ASK THE RETAILER TO TAKE BACK YOUR OLD DEVICE TO BE DISPOSED OF PROPERLY!
smart shop
FOR LARGE APPLIANCES, YOU CAN ALSO USE THE FREE BULKY WASTE COLLECTION SERVICE PROVIDED BY YOUR LOCAL COUNCIL!
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS